**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 293/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**CHRISTOPHER ZAMMIT**

**Illum, 9 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **CHRISTOPHER ZAMMIT**, iben Alfred Zammit u Rosina nee' Mifsud imwieled il-Pieta' nhar it-18 ta' Frar 1982 u residenti ġewwa 33, Nenvie, Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun u detentur tal-karta tal-identità 0126382M / Mob: 79268308 li tressaq quddiemha akkużat talli nhar id- 09 ta' Mejju 2021 u fil-ġranet, ġimghat u fix-xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa l-Ħamrun u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

1. Ikkaġuna lil ommu u cioe' Rosina Zammit, li għandha l-eta' ta' 70 sena, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, liema reat

twettaq bit-theddida ta' arma li taqta' u bil-ponta u liema reat twettaq ukoll ripetutament;

2. Ikkaġuna lil ommu u cioe' Rosina Zammit, li ghandha l-eta' ta' 70 sena, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali.

Akkużat ukoll talli nhar id- 09 ta' Mejju 2021 bejn 06:00am u 08:00am ġewwa l-Ħamrun:

3. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu Rosina Zammit.

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

5. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Magistrat Dott. C. Farrugia Frendo LL.D nhar is- 26 ta' Frar 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inklużа fil-mori tal-kawża kontra Christopher Zammit a beneficju ta' ommu Rosina Zammit u l-familjari tagħha.

Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' Rosina Zammit u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Christopher Zammit b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-piena stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmi Christopher Zammit sabiex iħallass l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-25 ta' Lulju 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u cioe`:

i. Fl-artikoli 15A; 17; 18; 23; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
ii. Fl-artikoli 18; 31; 251B; 222(1)(a); 202(h)(iii)[1]; 202(j)(1)[2]; 251C; 251D; 251H (a)(b)(g); 251HA; 2511 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii. Fl-artikoli 18; 31; 251A; 222(1)(a); 202(h)(iii)[3]; 202(j)[4]; 251C; 251D; 251H(a)(b); 251HA; 2511 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
iv. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
v. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
vi. Fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2023;

Rat illi minkejja illi d-difiża ngħatat fuq talba tad-difensur innifisha, tliet ġimgħat żmien biex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet in linea ta' trattazzjoni, din in-nota baqgħet ma ġietx ippreżentata entro dan it-terminu;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dawn il-proċeduri nibtu minn rapport li għamlet Rosina Zammit, omm l-imputat, fid-9 ta' Mejju 2021 dwar l-imġieba persistenti ta' binha l-imputat Christopher Zammit u wkoll dwar inċident li seħħ proprju dakinhar stess, 9 ta' Mejju 2021, fir-residenza tagħha ġewwa 33, Triq il-Kappillan Valletta, Ħamrun.

Rosina Zammit xehdet[1] illi nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju 2021 għall-ħabta tas-6.30 a.m., marret tagħmel kafe' fil-kċina tar-residenza tagħha meta għajtilha binha, Christopher Zammit, mill-kamra tas-sodda tiegħu u talabha biex ikellimha. Hi nħasdet kif qalilha hekk għaliex taf li kif jgħidilha hekk dejjem ikun irid il-flus biex jixtri d-drogi, għaliex għandu l-vizzju tad-droga. Imbagħad binha ġie fil-kċina u qalilha "*ejja ħa nkellmek ftit*". Staqsietu x'għandu bżonn u weġibha "*ħeq, m'għandix hux għal-lum*" fejn weġbitu li kienet għadha kif tatu l-flus biss il-ġurnata ta' qabel, li kien is-Sibt, u qaltlu wkoll "*Minn fejn tridni nġib il-flus mara armla bħali?*"

Xehdet illi meta binha raha li ma kienetx sejra tagħtih flus, qalilha "*irridu naraw x'ser nagħmlu ta għax jiena, taf li niġi sick!*" u meta qaltlu biex imur id-Detox biex jieħu l-mistura, ma riedx u beda jsir ftit nervuż. Meta rat hekk u rat ukoll li binha ma kienx qed jidher tajjeb, iddeċidiet li tagħmel il-kafe' malajr u tmur fil-kamra tagħha tilbes biex tkun lesta biex jekk tinqala' xi ħaġa taqbad it-triq u titlaq 'il barra. Dan għaliex kienet taf li ma kellhiex minn fejn ittih u li ħadd ma kien ser jgħinnha u ħasset li minħabba f'hekk binha kien ser jibqa' jitlobha għall-flus, igerger, jiġi bin-nervi u jippressaha biex tara min fejn ser iġġiblu l-flus.

Spjegat ukoll li ġieli telqet 'il barra f'dawn is-sitwazzjonijiet biex tevita argomenti kif ukoll sabiex l-affarijiet jibirdu, għaliex hija taf li meta binha ma jarahiex, jibża'

[1] 26 ta' Mejju 2021.

għaliex ma jistax joqgħod mingħajrha u anke għaliex jinkwieta għaliha, iżda mbagħad jikkalma u jipprova jirranġa ma' sħabu għad-drogi.

Rosina Zammit kompliet tixhed illi l-imputat baqa' jgerger waħdu minn wara l-bieb tal-kamra tagħha u jgħidilha li jridu jaraw x'ser jagħmlu. Hi libset u preparat il-baskett bil-mobile u ċ-ċwievet u marret fil-kamra tal-ikel li tiġi ħdejn it-taraġ għal isfel, biex jekk binha jsir nervuż u tinqala' xi ħaġa, titlaq tiġri 'l barra għaliex kienet taf li ma kienx hemm flus u li kien ikollha ġġib il-flus minn x'imkien. Spjegat li fil-passat, kienet titlob lil ħutha u lil uliedha l-oħra għall-flus biex tgħaddihom lil binha, iżda meta saru jafu li għad-droga, ħadd mill-familja ma ried jibqa' jagħtiha l-flus għaliex kienu jgħiduha li b'hekk ma kienetx qiegħda tfejqu lil binha.

Rosina Zammit kompliet tgħid illi dak il-ħin, l-imputat mar ipoġġi ħdejha fil-kamra tal-ikel u talabha biex tmur titlob għall-flus għand waħda mara li kienet tmur tgħinha fil-paroċċa u meta rrifjutat li tagħmel dan, beda jissikkaha billi jinsisti li tmur għandha u beda jgerger u jinnervja. Hi qaltlu "*għalxejn qiegħed tinnervja, għax jien mhux se mmur hemmhekk*", fejn weġibha "*Isma' ħa jkollok tmur ta għax jien issa ġejt sick, bil-fors ikollok tmur iġġibli*". Dak il-ħin, binha daħal fil-kamra tiegħu u ħareġ b'xabla f'idu – xabla li qabel kien jużaha biex jagħmel *training* biha iżda li ma taqtax – fejn ġie fil-kamra tal-ikel, ħareġ ix-xabla ftit mill-għatu tagħha u qalilha: "*Mela int hawn għadek?! Aqbad it-triq u mur issa għax b'din inħanxarlek rasek*". Hi twerwret u dak il-ħin bdiet tferfer, qabdet il-baskett u qaltlu "*arani sejra ħa mmur inġiblek*" u telqet tiġri 'l barra fit-triq, fejn ċemplet lil bintha Janet Zammit: "*qas naf kif inżiltu t-taraġ, qas naf, ma nafx għax umbagħad sibt tarġa qgħadt bil-qiegħda fuqha sakemm niġi ftit hekk għax kien ser itini xi ħaġa mhux bdejt nibża' wisq, hux twerwirt, qatt m'għamilha din il-biċċa xogħol hux.*" Ikkonfermat li s-sikkina tax-xabla ma rathiex toħroġ kollha minn ġol-għatu tagħha, għaliex laħqet niżlet it-taraġ u ma tafx lanqas jekk l-imputat mar warajh bix-xabla. Fil-fatt, wara ftit, l-imputat kien ċemplilha biex jara għaliex kienet qiegħda ddum ma tiġi lura.

Ikkonfermat ukoll illi jekk mhux għall-vizzju tad-droga, m'għandhiex xi tgerger mill-imputat għaliex bniedem kwiet u kienu kuntenti joqogħdu flimkien

Dwar l-episodju tal-ġurnata ta' qabel, is-Sibt, Rosina Zammit spjegat illi s-Sibt filgħodu l-imputat kien ried il-flus ukoll u kienet tatu €20 iżda iktar tard fil-ġurnata, kien qalilha li dawk ma kienux biżżejjed u li trid tara minn fejn ser iġġiblu iktar flus, fejn hi kienet irrifjutat u għalhekk kien beda jċempel lil sħabu biex forsi jirranġa magħhom għall-flus.

Rosina Zammit xehdet li l-imputat kien imur għandha għall-flus kważi kuljum fejn kien jitlobha €20 u l-għada kien jerġa' jitlobha €40 li kienu jservuh sal-għada u mbagħad filgħaxija ikun irid €20 oħra. Kien jgħidilha li għandu jagħti lil diversi nies, fejn minħabba f'hekk kienet dejjem tispiċċa bla flus hija stess: "*ma nistax nibqa' ngħixha din il-ħajja jien umbagħad wisq hux, ġieli lanqas biex nixtri ħobża ma jkolli*." Spjegat illi dan kien ilu għaddej ħafna żmien iżda reċentement fl-aħħar ftit snin, il-problema aggravat ħafna għaliex l-imputat sar jitlobha l-flus ta' kuljum bir-riżultat li hi qatt ma jkollha flus; kienet anke tibki lil binha u ssaqsieh għaliex kellhom jgħixu din il-ħajja meta setgħu jgħixu ta' nies. Xehdet li t-tifla tagħha kienet telqet mid-dar minħabba din is-sitwazzjoni u ilha ħafna żmien tħossha mdejqa ħafna u kkonfermat li l-imputat ilu bil-vizzju tad-droga għal dawn l-aħħar erbatax-il sena. Rosina Zammit iddikjarat ukoll illi għalkemm binha jagħmel in-nervi meta ma kienetx tagħtih flus u ġieli jinqalgħu l-argumenti minħabba f'hekk, huwa qatt ma kien vjolenti magħha jew ipprova jweġġagħha qabel, iżda hi kellha bilfors tara minn fejn ser tipprova ġġiblu l-flus.

**Janette Zammit**, bint Rosina Zammit, xehdet[2] illi l-Ħadd 9 ta' Mejju 2021 fil-għodu, ċemplitilha ommha ippanikjata ħafna u tibki u talbitha tmur malajr kemm jista' jkun. Ommha qaltilha li Christopher Zammit kien werwirha għaliex kien ħareġ għaliha x-xabla li kellu fil-kamra tas-sodda. Ix-xhud spjegat li hija qalet lil ommha biex titlaq tiġri 'l barra u tidħol fl-ewwel ħanut li ssib għaliex beżgħet li ħuha kien ser jotqolha.

[2] Xhieda tas-6 ta' Settembru 2021.

Hi kienet taf għal liema xabla ommha kienet qed tirreferi għaliex ħuha kien jużaha għat-taħriġ meta kien jipprattika l-arti marzjali fil-passat, iżda ma tafx jekk taqtax jew le. Stqarret ukoll li madwar sentejn jew tlieta qabel, kienet ħadet din ix-xabla fil-garaxx tagħha l-Qawra u żammitha hemmhekk għaliex kienet qed tibża' li seta' kien ta' perikolu peress li ħuha għandu l-vizzju tad-droga, iżda hu kien riedha lura u kellha tagħtihielu.

Hekk kif ommha semmitilha x-xabla, hi twerwet u ċemplet lill-control room u qaltilhom bl-urġenza tas-sitwazzjoni għaliex ommha hija mara anzjana u ma tistax tirreżisti. Meta waslet fuq il-post, sabet li l-Pulizija kienu għadhom jaslu, filwaqt li ħuha kien għadu ġewwa r-residenza. Janet Zammit xehdet ukoll illi madwar ħames snin qabel, ħuha kien kiser statwa ta' Santa Rita fuq ras ommha iżda hi ma kienetx preżenti meta dan seħħ.

**L-imputat, Christopher Zammit**, ma xehedx f'dawn il-proċeduri iżda kien irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tiegħu fid-9 ta' Mejju 2021 wara li kien għażel jikkonsulta mal-avukat tal-għajnuna legali, fejn innega li huwa dipendenti fuq id-droga u stqarr li juża d-droga biss darba kultant. Iddikjara li huwa jonfoq id-dħul tiegħu fuq ħwejjeġ, tpinġija, affarijiet tal-ajruplani u affarijiet normali u jgħin ukoll lil ommu li anke titolbu hi stess għall-flus. Dwar l-inċidenti li allegatament seħħ fid-9 ta' Mejju 2021, hu stqarr illi ma tantx kien jiflaħ dakinhar u għajjat lil ommu biex iġġiblu t-tabib għaliex kellu l-pressjoni baxxa u ċaħad illi talabha għall-flus biex jixtri d-droga għalkemm veru li kellhom argument; insista li l-flus li talab lil ommu kienu għat-tabib. Mistoqsi għaliex ma kellux €20 biex iħallas lit-tabib huwa stess, l-imputat stqarr li huwa ta' sikwit jagħti l-flus lil ommu mill-pensjoni tiegħu. Iddeskriva bħala gidba l-allegazzjoni li għamlet ommu fir-rapport tagħha li huwa ħareġ ix-xabla minn postha, heddidha biha u qalilha l-kliem "*b'din inħanxarlek rasek*", u insista li x-xabla baqgħet f'postha fil-kamra tiegħu. Iddikjara li ommu gidbet fuqu għaliex umbratu bħalma umbrawh ukoll l-familja kollha barra n-neputijiet u dan minn mindu daħal il-ħabs. Qal ukoll li ommu qaltlu li ma tridux jitlaq minn magħha u jmur jgħix band'oħra.

Ix-xabla ġiet esebita materjalment fl-atti[3] u l-Qorti setgħet tikkostata illi x-xafra tagħha għandha tul ta' 65 ċentimetri.

Ir-*risk assessors*, Karl Saliba u Vincienne Vella xehdu illi mill-evalwazzjoni li saret tar-riskju li hi esposta għaliha Rosina Zammit minħabba binha Christopher Zammit[4] - liema evalwazzjoni saret abbażi tal-informazzjoni li tathom hija stess fid-9 ta' Mejju 2021 - irriżulta li dan ir-riskju huwa wieħed għoli b'punteġġ ta' 15. Ikkonfermaw illi dan ir-riskju ġie identifikat fil-biża' li tħoss il-vittma minħabba l-eskalazzjoni tal-abbuż fejn kien hemm ukoll theddid fuq il-ħajja tagħha: dan kollu marbut mal-abbuż minn sustanzi illeċiti u problemi ta' saħħa mentali da parti ta' Christopher Zammit.

Ikkunsidrat;

Is-segwenti huwa r-retroxxena tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti.

L-imputat għandu problema serja ta' dipendenza fuq id-droga u huwa evidenti li din id-dipendenza wasslet biex tnissel ħafna dwejjaq f'ommu, armla anzjana ta' wieħed u sebgħin sena. Dan għaliex l-imputat kważi kuljum mhux biss kien jitlob lil ommu għall-flus biex jixtri d-droga, iżda meta ma kienetx tagħtih flus, kien jibqa' jinsisti magħha li tara kif tagħmel biex iġġiblu l-flus u ma jħallihiex bi kwietha, anke billi jġiegħlha tmur titlob il-flus mingħand ħutha kif ukoll mingħand persuni estranei.

Ommu, da parti tagħha kienet tara kif tagħmel biex takkwista xi flus, biex l-imputat ma jibqax jissikkaha u biex tevita argomenti billi huwa kien isir nervuż u eċitat meta ma kienx ikollha flus biex jixtri d-droga. Meta ħutha saru jafu li l-flus li kienet titlob kien biex tinxtrara d-droga, irrifjutaw illi jagħtuha iktar flus u peress illi kienet tagħti lil binha medja ta' €20 kuljum, mhux l-ewwel darba li hi kienet tispiċċa mingħajr flus għaliha nnifisha biex tixtri x'tiekol.

[3] Eżebit bin-numru KA 320/2021, 6 ta' Settembru 2021.
[4] *Risk Assessment*, Dok. AM8, fol. 23 *et seq*.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni, l-imputat innega li ipponta lejn ommu u heddidha b'xabla u qalilha li sejjer iħanxrilha rasha biha, u nnega wkoll li ssikkaha għall-flus biex jixtri d-droga, hija m'għandha l-ebda dubju kwalsiasi dwar il-veraċita' tal-verżjoni ta' Rozina Zammit. Il-Qorti semgħet lill-vittma tixhed quddiemha u setgħet tosserva l-emozzjonijiet li wriet meta ġiet biex tispjega dak li kellha tgħaddi minnu f'dan l-episodju kif ukoll b'mod ġenerali sistematikament, minħabba l-vizzju ta' droga ta' binha. Barra minn hekk, il-verżjoni tagħha kienet konsistenti mill-bidu sal-aħħar kif ukoll pjenament konformi mal-fatti li kienet rapportat lill-Pulizija kif ukoll lir-*risk assessors* fid-9 ta' Mejju 2021, verżjoni li wkoll xehdet dwarha PC 2426 Josianne Vassallo[5]. Fuq kollox, hemm ix-xhieda ta' oħt l-imputat, Janette Zammit, li kkonfermat li ommha, meta ċemplitilha fid-9 ta' Mejju 2021 filgħodu, kienet qed tibki u nstemgħet ippanikjata ħafna tant illi qaltilha biex tmur malajr kemm jista' jkun għaliex l-imputat kien ħareġ għaliha bix-xabla f'idu u werwirha.

Għalhekk, billi ma ntweriet l-ebda raġuni kwalsiasi l-għala hija għandha tiddubita mill-verżjoni ta' Rożina Zammit, il-Qorti hija konvinta li x-xhud hija ġenwina u li l-fatti li rakkontat fix-xhieda tagħha, verament seħħew. Fil-fatt, jirriżulta mix-xhieda tal-vittma kif ukoll ix-xhieda ta' bintha Janette Zammit, illi l-episodju taħt skrutinju ma kienx l-ewwel darba li l-imputat wasal biex jhedded lil ommu biex tagħtih il-flus

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, ċioe' li kkaġuna biża' f'ommu li ser tintuża vjolenza kontriha. Huwa risaput illi wieħed mill-elementi materjali kostituttivi ta' dan ir-reat kif ukoll tar-reat ta' fastidju (*harassment)* taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, huwa kondotta da parti tal-aġent tar-reat li tammonta għal *a course of conduct.* Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "*imgieba*" f'din

[5] Xhieda tat-18 ta' Mejju 2022, fol. 148. Ara wkoll rapport tal-okkorrenza Dok. AM3, fol. 12 *et seq*.

id-dispożizzjoni legali kif ukoll mill-kliem: "*… lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*".

**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.) fir-rigward tar-rekwiżit ta' *a course of conduct*:-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[6]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di***

[6] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

***piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).***"[7] [emfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti wara li fliet il-provi tqis illi l-Prosekuzzjoni ressqet provi abbundanti illi l-imputat bl-aġir tiegħu fl-episodju li seħħ fid-9 ta' Mejju 2021, ġiegħel lil ommu tibża' għall-inkolumita' fiżika tagħha u dan meta, rinfaċċjat bil-fatt li ommu ma kienetx sejra tagħtih flus biex jixtri droga, sar nervuż u ansjuż, ħareġ xabla u hedded lil ommu li biha kien sejjer iħanxrilha rasha. Il-fatt li x-xafra ta' din ix-xabla setgħet ma kienetx taqta' huwa immaterjali : l-estrem tad-disprament tal-imputat maħkum mill-vizzju tad-droga u l-ħebba bl-arma akkumpanjati bil-kliem ta' theddid, fil-kumpless tagħhom huma indubbjament kapaċi jixprunaw biża' tax-xorta meħtieġa għall-fini ta' prova ta' dan l-element materjali tar-reat. Biża' li evidentement, diġa' kienet qiegħda tbaqbaq ġo fiha meta l-imputat beda juri sinjali ta' nervi, tant illi ħasset li kellha tilbes u tlesti biex toħroġ 'il barra biex tevita li t-tgergir u l-persistenza tiegħu jilħqu xi qofol.

Madankollu, dan stabbilit, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova konklussiva ta' inċident ieħor konkret, oltre għall-episodju appena msemmi, fejn l-imputat aġixxa b'mod li rawwem f'ommu biża' li tintuża vjolenza kontiha jew altrimenti kif maħsub fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9 u li jirrientra wkoll fil-parametri ta' lok u żmien imfissrin għall-fini tal-ewwel imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni, biex jikkostitwixxi *a course of conduct* għall-fini tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

Huwa minnu illi Rosina Zammit xehdet li l-ġurnata ta' qabel, filgħodu l-imputat talabha l-flus għad-droga u kienet tatu €20 u illi iktar tard fil-ġurnata kien qalilha li trid tara minn fejn ser iġġiblu iktar flus, u huwa minnu wkoll illi ġie ppruvat li minħabba f'din l-imġieba persistenti tal-imputat hija kienet waslet f'sitwazzjoni ta' dispramenti, qtigħ il-qalb kif ukoll faqar. Iżda fl-ebda waqt ix-xhud ma tat x'tifhem illi l-aġir tal-imputat fit-8 ta' Mejju 2021 ikkaġuna fiha biża' li kien ser tintuża l-vjolenza kontriha jew kontra xi ħadd mill-persuni msemmija fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9 jew kontra l-proprjeta' ta' xi waħda minnhom. Mankanti din il-prova u fin-nuqqas ukoll

[7] Deciza 24.4.2009.

ta' prova dwar okkażjoni preċedenti li seħħet fil-parametri ta' żmien tar-reat addebitat lill-imputat fejn l-imġieba tal-imputat nissel b'mod konkret biża' ta' vjolenża f'ommu Rosina Zammit, il-Qorti ma tistax issib ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 bl-aggravanti maħsuba taħt l-Artikoli 222(1)(a), 202(h)(iii) 202(j), 251H(a)(b), 251HA u 251I tal-Kap. 9.

Għall-fini ta' sejbein ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, irid jiġi ppruvat li persuna:- (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna (fost azzjonijiet oħrajn li wkoll jikkostitwixxu dan ir-reat).

Bħal ma diġa' ġie mfisser iktar qabel fil-kuntest tar-reat taħt l-Artiklu 251B tal-Kap. 9, huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja tar-reat ta' fastidju illi jeħtieġ li jintwera li "*l-imgieba*" tal-aġent tar-reat, tammonta għal *a course of conduct.* Dan hu deżumibbli mhux biss mill-użu speċifiku tal-kliem "*iġġib ruħha*" iżda mill-fatt illi huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju xi xorta ta' kondotta ripetuta.

Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9 li tgħid li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment".

Blackstone fir-rigward, jgħid hekk[8]:-

[8] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"* [emfasi tal-Qorti][9]

F'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[10]**:-**

---

[9] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit**-2.05.2013.**

[10] Deċiża 21.6.2007.

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.*** *" Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*… … …*

*…* ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*** " (emfasi ta' din il-Qorti)[11]

Applikat l-insenjament appena ċitat għall-kwadru ta' fatti li jinsilet mix-xhieda ta' Rozina Zammit, hu ovvju għall-Qorti li hi kienet vittma ta' fastidju għaliex kienet abitwalment, ta' kuljum, tiġi assoġġettata għal imġieba oppressiva da parti ta' binha li mhux biss mingħajr ebda raġuni leġittima, iżda biex jixtri d-droga, kien jimmolestjaha għall-flus billi jitlobha tagħtih il-flus u ma jħallihiex bi kwietha sakemm tara minn fejn ser tikseb il-flus. Tant hu hekk illi kien ikollha tirkorri għall-għajnuna mingħand ħutha jew toħroġ 'il barra mid-dar sakemm binha jikkalma jew jirranġa ma' sħabu biex jixtri d-droga.

Fil-fatt, Rosina Zammit xehdet illi hija kienet tkun imdejqa ħafna b'din l-imġieba persistenti u ripetuta ta' binha tant illi din ħolqot fiha sensazzjoni ta' dispramenṭ u qtigħ il-qalb kif ukoll sitwazzjoni ta' faqar għaliex ġiet imwarrba minn ħutha li rrifjutaw li jkomplu jgħinuha meta saru jafu li l-flus kienu jintużaw minn binha biex jixtri d-droga, u kienet tispiċċa mingħajr flus anke biex tixtri x'tiekol. Xehdet ukoll li hija kienet tibkilu biex ma jkomplix għaddej b'din il-ħajja għaliex ma kienetx tiflaħ iktar għaliha.

[11] Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[11], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret:- *"… hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. … Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa."*

Iżda kif rajna, biex jikkostitwixxi reat taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, jeħtieġ li l-aġir li jikkostitwixxi l-fastidju jkun manifestat f'iktar minn okkażjoni waħda għaliex ir-reat ta' fastidju jesiġi kondotta ripetuta u mhux biżżejjed inċident wieħed iżolat.

Il-Qorti tosserva illi l-parametri taż-żmien tar-reat ta' fastidju, kif impostati fiċ-Ċitazzjoni, jirreferu għad-9 ta' Mejju 2021 u l-ġranet, gimgħat u xhur ta' qabel.

Mix-xhieda jirriżulta illi fid-9 ta' Mejju 2021, l-imputat talab flus lil ommu : dan wara li kienet għadha kif tatu €20 il-ġurnata ta' qabel.

In kwantu għall-episodju tad-9 ta' Mejju 2021, jirriżulta illi meta l-imputat ra li ommu ma kienetx sejra tagħtih flus, qalilha "*irridu naraw x'ser nagħmlu ta għax jiena, taf li niġi sick!*" u beda jsir ftit nervuż tant illi meta rat hekk, ommu ħasset li kellha tilbes biex tkun lesta biex jekk tinqala' xi ħaġa taqbad it-triq u titlaq 'il barra, għaliex kienet taf li bla flus, kien ser jibqa' jippressaha biex tara minn fejn ser iġġiblu l-flus u li flus minn x'imkien kien ikollha ġġib. F'dan kollu, **anke mingħajr qies għall-aggressjoni li segwiet bil-wirja tax-xabla**, jiffigura imġieba inġusta u oppressiva li evidentement ma kienetx tikkaġuna merament inkonvenjent għall-vittma iżda kienet tassoġġettaha wkoll għal pressjoni inġusta kif ukoll tnissel fiha dak l-allarm, ansjeta' u doża qawwija ta' dwejjaq imsemmija fl-Artikolu 251C tal-Kap. 9.

Imbagħad, in kwantu għall-fatti li seħħew fit-8 ta' Mejju 2021, jirriżulta illi għalkemm kienet tatu €20, iktar tard fil-ġurnata l-imputat kien qalilha li dawk ma kienux biżżejjed u li trid tara minn fejn ser iġġiblu iktar flus, fejn hi kienet irrifjutat.

Hawnhekk, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi Rosina Zammit xehdet li l-imputat kien imur għandha għall-flus kważi kuljum fejn kien jitlobha €20 u l-għada kien jerġa' jitlobha €40 li kienu jservuh sal-għada, filwaqt li filgħaxija ikun irid €20 oħra. Sitwazzjoni li hija kkonfermat ukoll li saret ferm iktar gravi reċentement għaliex l-imputat spiċċa jitlobha l-flus ta' kuljum bir-riżultat li hi qatt ma jkollha flus. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-aġir tal-imputat fit-8 ta' Mejju 2021 jirrappreżenta

sewwasew episodju ieħor ta' dak l-aġir abitwali u persistenti li fuq perijodu ta' żmien u fl-assjem u fir-retroxxena tal-fattispeċi u ċirkostanzi kollha tal-każ, kien laħaq qofol għaliex kien inissel kull darba emozzjonijiet negattivi fosthom sens ta' oppressjoni u dwejjaq f'ommu. Aġir li tabilħaqq, irreplika ruħu l-għada fil-għodu, 9 ta' Mejju 2021 meta l-imputat mhux biss reġa' talab lil ommu għall-flus, iżda wasal biex heddidha bil-mewt.

**Tassew, hija l-fehma tal-Qorti li kull darba li l-imputat kien jitlob lil ommu għal flus jikkostitwixxi episodju separat u distint ta' imġieba abitwali li tikkaġuna fastidju f'ommu**.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, aggravat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 251H(a) peress li d-delitt twettaq minn membru tal-familja u li kien jgħix effettivament mal-vittma. L-aggravanti taħt l-Artikolu 251HA tal-Kap. 9, li jagħmel referenza għall-Artikolu 202(h), ukoll huwa applikabbli u dan stante illi l-vittma hija axxendent tal-imputat (paragrafu (iii)[12].

Iżda l-Qorti ma taqbilx li jista' jigi applikat, fic-cirkostanzi tal-kaz in dizamina, l-aggravju prospettat mill-Artikolu 202(j) u l-Artikolu 251H(b) tal-Kap. 9, imsemmi mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, għaliex tqis li ġaladarba r-reat li qed jinstab ħati tiegħu l-imputat, huwa dak taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 (diversament mir-reati fl-Artikoli 251E, 251F, 251G u 251GA tal-Kap. 9) li min-natura tiegħu jeħtieġ neċessarjament kondotta ripetittiva u abitwali, hu ovvju li l-episodji ta' fastidju jridu jsehhu iktar minn darba ghall-fini ta' sejbien ta' ħtija.

Fil-fatt, il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju (paragrafu (b)) huwa ravvizabbli biss f'każ ta' ħtija ghar-reati istantanei prospettati mill-Artikoli 251E, 251F, 251G u 251GA tal-Kap. 9 li ma jeħtieġux għall-kommissjoni taghhom, kondotta ripetuta.

[12] Evidentement, l-Avukat Ġenerali indika l-aggravanti taħt l-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9 bi żball għaliex dan isib riskontru biss fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, ufis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9, liema reati ma ġewx addebitati lill-imputat u mhux qed jinstab ħati tagħhom.

Il-kundanna preċedenti għad-delitt, imbagħad, huwa aggravju li huwa prospettat separatament taht il-paragrafu (i) tal-Artikolu 251H iżda dan l-aggravanti ma ġiex imsemmi mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tapplikah, għalkemm jirriżulta illi l-imputat kien fil-fatt ġie kundannat għar-reat ta' fastidju proprju fil-konfront tal-istess ommu, permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Frar 2021[13].

Il-Qorti tqis illi għalkemm iż-żidiet fil-piena għal kull aggravanti riskontrat, huma mandatorji, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 251H tal-Kap. 9[14] m'għandhomx jiġu mfissrin bħallikieku l-Qorti trid tapplika żieda fil-piena għal kull aggravanti fejn dawn ikunu sostanzjalment l-istess taħt dispożizzjonijiet differenti tal-liġi. Hekk per eżempju, il-fatt li l-vittma hija axxendent taħt l-Artikolu 202(h)(iii) huwa riskonstrabbli wkoll fl-aggravanti taħt l-Artikolu 251H(a) tal-Kap. 9.

Il-Qorti sejra għalhekk tapplika l-aggravanti fil-piena biss darba waħda fejn l-istess fatt jikkostitwixxi aggravanti taħt iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi: f'dan il-każ, ifisser li l-piena ser tiżdied biss bi grad[15].

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli fit-tielet imputazzjoni illi "*insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'xi mod ieħor lil ommu Rosina Zammit*".

Imbagħad fir-raba' imputazzjoni, ġie mixli li "*Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-kodiċi kriminali jew jekk kien* ipprovokat, *ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni.*"

---

[13] Dok. FC2, fol. 131.
[14] *"Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin..."*
[15] L-Artikolu 251D u l-Artikolu 251I tal-Kap. 9, indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, mhumiex applikabbli għall-fattispeċje ta' dan il-każ.

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika r-reati kontravvenzjonali taħt il-paragrafi (d) kif ukoll (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kap. 9.

Iżda filwaqt li huwa indiskuss illi r-raba' imputazzjoni tirriproduċi l-kliem tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, it-tielet imputazzjoni ma tistax titqies li hija waħda li taddebita lill-imputat ir-reat taħt l-Artikolu 339(1)(d). Dan jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min:-

"*iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.*"

Iżda t-tielet imputazzjoni mkien ma taddebita lill-imputat l-element materjali kostituttiv tar-reat taħt il-paragrafu (d), fuq imsemmi, ċioe' li huwa ħebb għal ommu. Din il-kelma "*iħebb*" hija kompletament mankanti fl-imputazzjoni kif imfassla fiċ-Ċitazzjoni li, fil-fehma tal-Qorti, ifisser li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat minkejja li ġie ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu. B'żieda ma' dan, jingħad ukoll illi t-tielet imputazzjoni kif imfassla, ma jidhrix li hija bbażata fuq xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali li għadha fis-seħħ u f'kull każ, illum, wara t-tħassir tal-Artikolu 252 tal-Kap. 9 bl-emendi introdotti bis-saħħa tal-Att XI tal-2018, l-inġurja bi kliem huwa punibbli bħala reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, kif addebitat fir-raba' imputazzjoni, meta dan ma jaqax taħt xi dispozizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 stante illi huwa abbundantement ippruvat illi huwa hedded lil ommu billi ġab xabla minn ġol-kamra tiegħu, beda joħroġha mill-għatu tagħha u qalilha li biha kien ser iħanxrilha rasha; ma jirriżultax illi dan it-theddid jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

In fine, l-imputat ġie akkużat li kkometta r-reati li qed jinstab ħati tagħhom, waqt li kien taħt Ordni ta' Probation li ġiet imposta fuq għal żmien tliet snin, bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Frar 2021[16]. Mill-atti jirriżulta wkoll illi għalkemm bis-saħħa ta' din is-sentenza huwa kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin, din l-Ordni ma baqgħetx fis-seħħ wara denunzja li saret mill-Uffiċjal tal-Probation minħabba nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-imputat u nuqqas ta' rieda li jindirizza l-problemi psikoloġiċi u jieħu l-kura neċessarja anke biex jegħleb il-vizzju tad-droga. Fil-fatt, fid-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Jannar 2022[17], mogħtija fuq l-imsemmija denunzja, din il-Qorti diversament preseduta trattat mal-ħati - l-imputat odjern Christopher Zammit – għar-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 li dawru kien tqiegħed taħt l-Ordni ta' Probation, billi kkundannatu tnax-il xahar priġunerija.

Għaldaqstant, filwaqt li huwa minnu li l-imputat ikkommetta r-reat ta' fastidju u r-reati kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 fit-8 ta' Mejju 2021 u fid-9 ta' Mejju 2021, waqt li kien taħt l-Ordni ta' Probation maħruġa fis-26 ta' Frar 2021 imsemmija fil-ħames imputazzjoni, jirriżulta illi huwa diġa' ġie trattat għall-fini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 446 talli naqas milli jħares xi waħda mill-ħtiġiet tal-istess Ordni ta' Probation u dan billi ġie kkundannat għar-reat li dwaru kien tqiegħed taħt Probation. Konsegwentement, għalkemm fiz-zmien meta ġew kommessi r-reati taħt l-Artikoli 251A u 339(1)(e) tal-Kap. 9, l-imputat kien taħt Ordni ta' Probation maħruġ fis-26 ta' Frar 2021 u għalhekk għandu jinstab ħati li naqas milli ħares din l-Ordni, din il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra terġa' tittratta miegħu għall-istess reat li dwaru kien tiqegħed taħt Probation.
Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Hija fehmet illi l-imputat għandu problema akuta u serja ħafna ta' dipendenza fuq id-droga, liema

[16] Dok. FC2, *ibid*.
[17] Dok. FC1, fol. 130.

dipendenza qiegħda tagħmel ħsara lil ommu li sfat il-vittma permanenti tal-imġieba persistenti kif ukoll aggressiv tiegħu u sejra inevitabbilment twassal għal konsegwenzi gravi mhux biss għall-imputat iżda wkoll għall-vittma kostanti tiegħu. Indubbjament l-imputat għandu bżonn jingħata għajnuna immedjata biex jindirizza u jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa evidentement l-kaġun ta' din il-kondotta oppressiva u inġusta fil-konfront ta' ommu, li hija wkoll waħda ripetuta u sistematika. Madanakollu, minn ħarsa lejn ir-rapport imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation tal-imputat, Charisse Boffa[18], il-Qorti fehmet illi l-imputat m'huwiex lest joqgħod għad-direttivi li jingħatawlu f'każ li jingħata sanzjoni fil-komunita' u m'huwiex lanqas f'pożizzjoni psikoloġika illi jirrijabilita ruħu mingħajr l-impożizzjoni mandatorja tat-trattament meħtieġ. Dan ifisser li jekk mhux ser ikun f'ambjent ikkontrollat, l-imputat mhuwiex ser ikun kapaċi jiddeżisti milli jkompli jiffastidja lil ommu u għall-Qorti dan huwa fattur determinanti għall-fini tal-piena li għandha teroga.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lil CHRISTOPHER ZAMMIT ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 202(h)(iii), 251A, 251Ċ, 251H(a), 251HA u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tat-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, kull żmien qabel illum li l-hati jkun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom qiegħed jinstab hati u kkundannat permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati CHRISTOPHER ZAMMIT sabiex jinghata trattament psikoloġiku u jew psikjatriku kif ukoll trattament sabiex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga ghal perijodu ta' tliet (3) snin, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment. Billi tqis**

[18] Dok. SB1, fol. 153 *et seq*.

**illi bħala parti mit-trattament jista' jeħtieġ illi l-ħati jagħmel programm residenzjali biex jinħeles mill-vizzju tad-droga, tirrakkomanda lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jippermetti li l-ħati jipparteċipa f'dan il-programm waqt li jkun qiegħed jiskonta l-piena ta' priġunerija.**

**Qiegħda għalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole kif ukoll lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Rosina Zammit kontra imġieba tal-hati li tikkaġuna fastidju, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess CHRISTOPHER ZAMMIT a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal żmien sentejn u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, liema terminu ghandu jibda jiddekorri wara li tigi skontata l-piena ta' prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jassigura l-implementazzjoni effettiva tal-Ordni ta' Protezzjoni.**

**Għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, ċioe' ix-xabla (eżebit bin-numru KA 320/2021) favur il-Gvern ta' Malta u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jeżegwixxi din l-ordni.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**